IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru64(Erbgha u Sittin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar it-Tlieta 10 ta' Ottubru, 2023, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Raymond Camilleri |
| | Anthony Valvo |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**64.1. Item Nru 64.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

64.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.10 u s-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li s-Sur Valvo ser jidħhol ftit tard.

**64.2. Item Nru. 64.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

64.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati b'mod unanimu.

**64.3. Item Nru. 64.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

64.3.1 Is-Sindku qal li r-rapport rajnih u ittieħdu l-miżuri sabiex isir kollox in regola ma dak li qed jirrakomandaw l-MCCAA. Issa ser jintbgħat ir-rapport tagħna lil MCCAA sabiex ikunu jistgħu jarawh u jgħatu il-clearance minn naħa tagħhom.

Dwar il-bandli ta' isfel jonqos li nagħmlu xi affarijiet oħra li talbu l-MCCAA bħal biċċa fence żgħira sabiex tagħlaq kompletament l-area tal-bandli.

64.3.2. Is-Sindku qal li dwar il-*jogging track* u kif qbilna fl-aħħar laqgħa ktibna wkoll lill-Prim Ministru pero s'issa għadu ħadd ma kellimna dwarha.

64.3.3 Is-Sindku qal li tal-Public Works lestew biċċa oħra u issa ser ikomplu quddiem il-latrina.

Is-Sur Valvo daħal għal laqgħa fil-5.39pm.

64.3.4 Is-Sur Attard qal li irridu nagħmlu ftehim mal-Community Workers Scheme għal kull impjegat assenjat li qiegħed jieħu xi allowance mil-Kunsill u għalhekk qiegħed jinforma lil Kunsill kollu.

64.3.5 Is-Sindku qal li ser iġib stima għal gutter pero trid tagħmel l-ewwel xita sewwa sabiex inkunu nistgħu nindividwaw dawk il-postijiet li l-aktar iżomm ilma.

64.3.6 Is-Sindku ippropona sabiex napplikaw għal skema Reġjun Port infurzaw fil-komunità għal aktar nadifa b'budget ta' €6,000. Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw.

64.3.7 Is-Sindku qal li l-periklu fi Triq l-Awrat għadu hemm u minkejja li diġa kellimna lil Infrastruttura Malta s'issa għadu ma sar xejn. Hu ippropona li nerġgħu nibgħatu tfakkira.

64.3.8 Is-Sindku qal li għal Halloween qed jipproponi li fil-31 ta' Ottubru issir it-*Trick or treat* u jsiru wkoll xi attivitajiet għat-tfal fejn il-Librerija. Kulħadd qabel li jibdew isiru l-preparamenti meħtieġa.

64.3.9 Is-Sur Attard ippropona li bħal ma nagħmlu kull sena nerġgħu nagħmlu l-ħarġa għal San Martin kif ukoll nagħtu l-borża ta' San Martin lit-tfal. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsill qabel li fit 8 ta' Novembru isir it-tqassim tal-boroż ġewwa l-iskola. Imbgħad fit-12 ta' Novembru issir il-ħarġa għal-Baħrija u nallokaw madwar 30-40 post u nibbukkjaw xi vannijiet. It-tluq ikun minn fejn il-Knisja fit-8.15am sabiex nilħqu l-Quddies li hemm fid-9 jew fl-10.

64.3.10 Is-Sindku qal li il-Milied dalwaqt jasal ukoll u tajjeb li nippjanaw xi dati sabiex nagħmlu l-avvenimenti. Wara diskussjoni sar qbil li fis-17 ta' Diċembru issir attivita b'fondi miġjuba mir-Reġjun Port ta' €10,000 li ser ikun hemm inkluż it-tiżjin tat-toroq u l-attivita tat-tfal ġewwa l-iskola.

Il-*Get together* tradizzjonali li jsir fil-Milied għar-residenti sar qbil li jsir fil-21 ta' Diċembru fis-7.30pm.

Sar qbil ukoll sabiex issir ikla għal istaff u membri tal-Kunsill fl-14 ta' Diċembru.

64.3.11 Is-Sindku qal li qed ikollna rapporti li qed isir sewqan bl-addoċċ fi Triq l-Ispnott kif ukoll Triq Fortizza tal-Grazzja. Minkejja diversi rapporti mal-Pulizija xorta jidher li ma wasalniex u għalhekk ippropona li jiġu installati road humps biex bilfors dak li jkun ikollu jnaqqas il-veloċita.

64.3.12 Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma delegazzjoni ta' raħal mil-Ungerija ta' madwar 300 ruħ biss u fil-presenza tas-Sur Anthony Valvo wkoll iddiskutew il-possibilta li jiġi organizzaw skambju għal April 2024. Il-Kunsill qabel li inkomplu b'dawn id-diskussjonijiet sabiex nagħmlu skambju magħhom.

64.3.13 Is-Sindku informa l-Kunsill li l-Concession tefaha wieħed biss u fil-ġimgħat li ġejjin ser issir l-evalwazzjoni.

64.3.14 Is-Sindku qal li bħala Bulky refuse il-Kuntrattur David Grech waqaf ħesrem u kellu jinstab Kuntrattur ta' Emerġenza. Il-Kuntrattur il-ġdid huwa Ronald Bezzina u ser iżomm l-istess rata.

**64.4 Item Nru 64.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

64.4.1 Is-Sa. Doris Borg staqsiet dwar il-Gal Xlokk u s-Sindku qal li rridu ninnominaw 2 persuni bħala Kunsilliera li jirrappreżentaw il-Kunsill tax-Xgħajra fil-laqgħat. Il-Kunsill qabel li jinnomina lis-Sinjura Doris Borg kif ukoll lis-Sa. Rosabelle Pulis.

64.4.2 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux inneħħu il-fence li hemm madwar il-monument tal-Helsien quddiem il-Knisja. Il-Kunsill qabel li naqalgħu il-fence, niksu l-ħajt u nbajduh u nagħtu tindifa sewwa.

64.4.3 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jekk nistgħux niltaqgħu mar-rettur il-ġdid tax-Xgħajra Fr.Keith Scicluna. Is-Sindku qal li hu diġa ltaqa miegħu personali flimkien mas-Segretarju pero idea tajba ukoll li niltaqgħu miegħu bħala Kunsill kollu.

**64.5 Item Nru. 64.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

64.5.1 Ma kienx hemm rapporti

**64.6 Item Nru. 64.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

64.6.1 Ix-xogħol ġie diskuss aktar kmieni

**64.7 Item Nru. 64.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

64.7.1 Pagamenti b'numru 127 ġew approvati unanimament.

**64.8 Item Nru. 64.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

64.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**64.9 Item Nru. 64.9 fuq l-Aġenda – Rezoluzzjoni dwar assenza tal-Vici Sindku.**

64.9.1 Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza tal- Viċi Sindku li kellha dawn l-aħħar erba' laqgħat kienu kollha ġustifikati b'mod raġonevoli għalhekk jirrakkomanda lil Ministru sabiex jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dan il-qbil.

**64.10 Item Nru. 64.10 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

64.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10pm. Aġġornament għal nhar it-Tlieta 14 ta' Novembru.

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku